**Santa Luċija**
**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 28/2026**
**17 ta' Marzu 2026**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15p.m.**

**PREŻENTI:**
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (5.28pm – 7.08pm)
Kylie D'Amato – Kunsillier (7.02pm)
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
NIL

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI:**

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
NIL

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru. 28**
Il-Minuti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Kunsilliera Debattista bħala Sekondant.

**28.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti 28/2025**
L-iskeda ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija. Is-SE infurmat li ġew miżjuda Item 44 u 45. L-iskeda ġiet approvata mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Kunsilliera Debattista bħala Sekondant.

**28.4 Suġġerimenti dwar l-art ta' Triq Stefanotis**
Is-Sindku qrat il-korrispondenza li ġiet mibgħuta minnha u mill-Kunsillier Sciberras (Annex 1).

Il-Kunsill qabel li isir:
- Protesta nhar il-25 ta' April 2026 fid-9.00am fi Triq Katarina Vitale k/m Triq Stefanotis.
- Talba uffiċjali li l-art tiġi mixtrija mill-Gvern u ssir talba lill-Lands sabiex tiġi mogħtija lill-Kunsill sabiex jintuża bħala spazju miftuħ għall-komunità.

- Petizzjoni mar-restidenti
- Talba lill-Planning Authority sabiex l-art tiġi klassifikata bħala spazju miftuħ.
- Studju minn Transport Malta għall-impatt tat-traffiku f'każ li l-akwata tiġi mibnija f'bini residenzjali.

Il-Viċi Sindku attenda għas-Seduta (5.28pm)

Is-Seduta ġiet sospiża bejn 5.30pm u 5.34pm minħabba diżgwid bejn il-Kunsilliera.

**28.5 Jum Santa Luċija 2026**

Il-Minuti tal-laqgħa li saret mall-Accordian Band (Annex 2) ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsilliera approvaw dak li kien issuġġeriet fil-minuti.

Is-Sindku issuġġeriet li isir Pizza and Pasta bħas-sena l-oħra u infurmat li l-formola tan-nominazzjoni ser tinħareġ flimkien mal-fuljett li ser jitqassam fid-djar flimkien mal-poster tal-Laqgħa Annwali.

**28.6 Traffic Management – Triq Bwieraq u Triq il-Kaħwiela**

Qabel is-Seduta, il-Kunsilliera ġew mgħoddija l-kummenti mingħand Transport Malta:

- **Triq Freżja:** Il-Kunsill ma qabilx bil-proposta ta' TM li l-parkeġġ jiġi one way parking. Il-Kunsill talab li jiġi 2 way parking kif propona oriġinarjament.

- **Triq Bwieraq:** Is-Sindku pproponiet li l-ewwel jiġu mitkellma r-residenti ta' Triq Bwieraq peress li TM issuġerew li jitneħħew il-parking spaces. Is-Sindku u l-Kunsilliera D'Amato issuġġerew li l-parkeġġ jiġi n-naħa tad-djar u tiżdied il-bankina. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-One Way tiġi n-naħa l-oħra sabiex jiġu evitati diversi spejjeż u hija l-aktar prattika. Peress li fil-weekend f'din l-akwata qed jipparkjaw diversi vetturi sabiex jżuru Ġnien is-Serenità l-Kunsillier Sciberras talab li ssir bye law biex tkun għar-residenti biss. Is-Sindku issuġġeriet li idealment napplikaw għal Timed Parking bay.

  Fl-istess waqt il-Kunsillier Sciberras talab li ssir sistema ta' gutters fi Triq il-Bwieraq għaliex l'ilma ta' ċertu djar qed imur anke fid-drainage. Il-Kunsillier Sciberras kjarifika li l-gutter irid isir mat-triq kollha. Is-Sindku infurmat li ser jinġibu l-kwotazzjojijiet.

- **Triq il-Kaħwiela:** Il-minuti tal-laqgħa li saret mar-residenti u l-perita ġew mgħoddija qabel is-seduta (Annex 5) għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsill qabel li Triq il-Kaħwiela minn Triq De Hosa għal Triq il-Fortizza tiġi One Way - ma jistgħux jinżlu karozzi minnha. Is-Sindku infurmat li r-residenti qablu li l-parking spaces jiġu bħal ta' Vjal Oleander. Il-Kunsilliera Debattista reġgħet infurmat li l-coaches qegħdin jgħaddu minn Triq Kaħwiela; il-coaches qed jidħlu minn Triq il-Prinjoli. Il-Kunsill qabel li jsiru tabelli sabiex ma jidħlux coaches minn Triq Kaħwiela. Is-Sindku infurmat li ser tinforma lis-Surmast tal-Kulleġġ.

**28.7 Policy għall-Użu tat-Trasport provdut mill-Kunsill**

Is-Sindku qrat xi punti tal-policy li ħadmet fuqha (Annex 3) u irrimarkat li l-vann ma jistgħax jistenna lill-klijent sakemm ilesti mill-appuntament. Il-Kunsilliera D'Amato issuġġerit li f'każ li jkun hemm clashes fl-appuntamenti tar-residenti u jkun hemm bżonn l-użu tal-vann għall-istaff, għandu jiġi mqabbad taxi u jħallas il-kunsill. Il-Kunsilliera Debattista irrimarkat li għal Mater Dei hemm tallinja diretta u li hi puntwali. Is-Sindku infurmat li ser tiġi mgħoddija draft tal-policy għall-attenzjoni tal-Kunsilliera sabiex jiġu mibgħuta l-kummenti tagħhom. Meta tiġi approvata l-policy, din ser tiġi mtellgħa fuq il-midja soċjali għall-attenzjoni tar-residenti.

**28.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-MoU ma Project Green dwar Ġnien l-Iskultura**

L-MoU (Annex 4) ġie iċċirkolati qabel is-Seduta u ġie meqjus bħala moqri. Is-Sindku infurmat li l-avukata tal-Kunsill, Dr Vincienne Vella irrimarkat li bħala MoU ma fihx punti favur il-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li l-MoU mhuwiex adattat għall-Kunsill ta' Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li ser torganizza laqgħa ma Project Green.

**28.9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**28.9.1** Is-Sindku għaddiet lill-Kunsilliera l-i**statistika** tal-laqgħat għax-xahar ta' Marzu 2026 (Annex 4).

**28.9.2** Il-Kunsilliera Debattista issuġġeriet li l-Kunsill japplika għall-iskema li ħareġ Project Green għall-**Dog Park/Cat Shelter**. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ma jistax japplika peress li l-art trid tkun ikbar minn 1500m2.

**28.9.3** Is-Sindku talbet li ssir Riżoluzzjoni sabiex tiġi approvata immedjatament mill-Kunsilliera din il-minuta (**28.9.3**), peress li l-iskema SPI/01/2026 tagħlaq fl-14 ta' April 2026:

Is-Sindku infurmat li għal dawn l-**iskemi**, il-Kunsill irid joħroġ 15% mill-ammont li d-DLG ser jagħti lill-Kunsill Lokali.

**SPI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa 2026:** l-attività ser issir nhar il-Ħadd 19 ta' Settembru 2026 sabiex jiġi mnaddaf Wied Garnaw. Bħala skema ser napplikaw l-istess bħas-snin preċedenti. Din l-attività ser jieħu ħsieba l-Kunsillier Sciberras

**SPI/01/2026 – Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026:** Isir show tal-karozzi skond kif ġie maqbul f'seduta preċedenti u attività organizzata minn Angelic Voices.

Is-Sindku infurmat li ser tiġi mibgħuta korrispondenza għall-proposti, sabiex fis-Seduta li jmiss jiġu diskussi u approvati l-proposti.

**28.9.4** Is-Sindku infurmat li l-Public Works qed isaqsu jekk il-latrini tal-picnic area isirux **unisex**. Il-Kunsilliera ma qablux kollha li jsiru unisex, iżda dawk li ma qablux qalu li f'każ li hemm Policy jew liġi fuq dan ir-rigward rridu nimxu magħhom.

**28.9.5** Is-Sindku infurmat li l-Public Works ser jgħinu fix-xogħlijiet tal-**latrina** li tinsab ħdejn il-bandli fosthom ser jagħmlu l-membrane. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jingħata 8 ġimgħat ċans biex jitlestew ix-xogħlijiet, skond il-kuntratt oriġinali u jitħallas kollox fl-aħħar. F'każ li x-xogħlijiet ma jkunux lesti, ser jitwaqqaf il-kuntratt. Il-Kunsill qabel, li jekk x-xogħol ma jitlestix, tinkera mobile toilet sakemm jitlesta x-xogħol.

**28.9.6** Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħat li saru mal-**Community Police** ġew iċċirkolati qabel is-seduta, għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija (Annex 6). Is-Sindku infurmat li rapporti ta' serq kienu saru 5. Il-pulizija żdiedu wkoll ir-rondi matul il-lejl. Il-Community Police talbu li ssir laqgħa mar-residenti. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa, u ġie ssuġeriet li ssir matul il-laqgħa annwali.

**28.9.7** Is-Sindku irringrazzjat lil **Aġenżija Komunità Maltija** li se jħallsu dog bins ġodda għal madwar Santa Luċija. Il-Kunsilliera Debattista ser tissuġġerixxi fejn għandhom jitwaħħlu permezz ta' email.

**28.9.8** Is-Sindku infurmat li l-Perit Lewis ser jipprepara pjanta ġdida għal ħruġ minn Santa Luċija għal **Triq tal-Barrani** u hemm għal dan kien bżonn survey tat-triq. Il-Kunsill approva l-irħas stima li rċieva dik ta' €700.00.

**28.9.9** Is-Sindku infurmat li nhar is-26 ta' Marzu 2026 ser issir is-seduta tal-PA dwar il-krematorju ta' Raħal il-Ġdid **PA/52801/21**. Għalissa l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ma jistgħax joġġezzjona.

**28.9.10** Bi pjaċir is-Sindku infurmat li r-**Reġjun Nofsinhar** (Annex 7) ser jagħti €500 għall-attivitajiet relatati mall-Ġimgħa l-Kbira. Dawn il-fondi ser jintużaw għal Mixgħela (fjuri u xemgħat). Il-Kunsillier Sciberras informa li l-kunsill għandu jirċievi korrispondenza uffiċjali sabiex jagħti l-aċċess lir-Reġjun għall-użu tad-dawl sabiex jiġi installat Air Quality.

**28.9.11** Is-Sindku infurmat li bħalissa mhux qed isiru lezzjonijiet tal-Crochet. Għalhekk **Lifelong Learning** talbu jekk jistgħax isir kors tal-Make Up minflok. Il-Kunsill approva.

**28.9.12** Il-Sindku infurmat li reġgħet ħarġet l-iskema **Minn Pjazza għal Pjazza.** Il-Kunsill approva li nerġgħu napplikaw bħas-sena l-oħra.

**28.9.13** Is-Sindku irċeviet talba mingħand r-residenti li ssir **MC bay** fi Trejqet Ġirasol u ssir tabella No Heavy Vehicles. Il-Kunsilliera D'Amato infurmat li ġiet avviċinata minn residenti ta' Trejqet Stella Maris u Triq il-Gardenja sabiex isiru MC Bays. Il-Kunsill approva li jinstab l-aħjar post sabiex nkunu nistgħu napplikaw għall-permessi.

**28.9.14** Is-Sindku infurmat li l-scrapyard u ħruq ta' tyres fi Sqaq Lampat tneħħew wara rapport li sar lill-PA bil-każ nru **CM261/25**.

**28.9.15** Is-Sindku infurmat li l-irragation fil-Picnic Area għall-**hedging** kważi lest. Is-Sindku qalet lill-Kunsilliera li ser jitwaħħlu siġar taż-żebbuġ jew Eugenia. Il-Kunsilliera D'Amato issuġġeriet li jsiru Eugenia, minħabba li ż-żebbuġ jkun ta' periklu għas-sewwieqa.

**28.9.16** Is-Sindku infurmat li TM bagħtu korrispondenza fejn infurmaw, li jekk it-tabelli sabiex ma jsirx sewqan bl-scooter ser isiru f'postijiet pubbliċi, ma hemmx bżonn il-Kunsill jitlob il-permess ta' TM. TM infurmaw ukoll ser iżidu r-rondi sabiex dawn l-abbużi jiġu minimizati. Il-Kunsill approva li jitwaħħlu tabelli ta' '**No Motorized Scooters**' f'Misraħ Dorell, quddiem u wara l-Convenience u Pjazza ta' Bertu.

**28.9.17** Is-Sindku infurmat li ser isir **Taħriġ ta' Litteriżmu fl-Intelliġenza Artifiċjali** għall-pubbliku. Għalhekk talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera jekk napplikawx f'isem ir-residenti. Il-Kunsill approva.

**28.9.18** Is-Sindku u l-Kunsilliera irringrazjaw lil kumpanija privata li kienet ser tipprovdi easter eggs mingħajr ħlas kif ukoll lil Malta Food Agency li kienu ser jipprovdu l-karotti għall-**Carrot Hunt**.

**28.9.19** Is-Sindku infurmat li **PA/7565/25** ta' Triq Għeneb id-Dip inħareġ il-permess mill-PA. Il-Kunsillier Sciberras informa li l-streestcape tat-triq ser tinbidel peress li mhux ser jibqgħu terraced houses biss. Il-Kunsillier Sciberras talab li l-Kunsill joħroġ stqarrija u tiġi indirizzata lill-PA għal mod kif il-bord trattat il-każ fl-aħħar seduta u jiġi ikundanat l-atteġġjament tal-bord. Is-Sindku ma qablitx li tinħareġ stqarrija. Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni li l-avukata Dr Bonello ma attenditx għaż-żewġ appelli. Il-Kunsill approva li l-Kunsill jappella u talab li ssir laqgħa ma Dr Claire Bonello sabiex tagħti aġġornament tal-appelli.

**28.9.20** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva espressjoni ta' interess għal **libreriji fl-Apert**. Is-Sindku u l-Kunsilliera Debattista qablu li ssir fi Ġnien is-Serenità u l-bandli. Il-Kunsilliera Debattista talbet li nsaqsu lid-Dipartiment il-forma u l-materjal li ħa jintuża għall-libreriji.

**28.9.21** Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu li jinġabru kwotazzjonijiet sabiex jiġi irranġat d-**dog park**.

**28.9.22** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-kunsilliera sabiex jinxtara **cooker** għat-tea room u **blower** għat-tindif ta' Ġnien is-Serenità. Il-Kunsilliera approvaw l-irħas kwotazzjonijiet.

**28.9.23** Is-Sindku infurmat li nhar 1 ta' April 2026 ser tingħalaq **Vjal Oleandri** għal xogħolijiet minn residenza fil-viċin. Il-Kunsilliera qablu li titellgħa l-informazzjoni fuq il-facebook.

**28.9.24** Fis-Seduta li għaddiet, il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-Kunsill ta' Santa Luċija qatx ta' donazzjonijiet lill-**Marigold Foundation**. Is-Sindku qrat il-minuti tas-Seduta 26 -17 (Annex 8).

Il-Kunsilliera D'Amato telqet mis-seduta fis-7:02pm.

**28.9.25** Is-Sindku irringrazzjat lill-Kunsillier Sciberras li ħa ħsieb l-applikazzjoni ta' **GovTech4all**, skema li ħareġ l-MDIA li flimkien mal-Kunsill lokali ta' Santa Luċija applikaw il-Fgura, Ħad Dingli u Swieqi sabiex jiġi ikkreat AI assisted programm.

**28.9.26** Is-SE infurmat li wara li tkellmet mall-President tal-ANSEK, dan infurmaha li l-**incoming/outgoing mail** ma jistgħax jiġi mgħoti lill-Kunsilliera peress li dan huwa mezz li jgħin lill-amministrazzjoni fil-ħidma tiegħu. Is-SE infurmat wkoll li bagħtet email lill-avukat tad-DLG dwar din il-kwistjoni iżda għadha bla risposta. Il-Kunsillier Sciberras ikjarifika li hu qed jitlob din l-informazzjoni minħabba li mhux dejjem ikun ikkupjat fil-korrispondenza u ma jkollhux informazzjoni dwar follow ups. Is-SE infurmat li ser tieħu ħsieb li jibda jsir dan. Fl-istess waqt is-SE infurmat li kull korrispondenza li tkun indirizzata lill-Kunsilliera tiġi mibgħuta.

Il-Viċi Sindku telaq mis-seduta fis-7:08pm.

**28.9.27** Is-Sindku infurmat li wara l-komunikazzjoni li saret mal-Kunsilliera fis-Seduta 28, sar kuntatt ma **Santa Luċia FC** (Annex 9) sabiex jitneħħa l-ġebel l-imwaqqà fi Triq Begonja. Santa Luċia FC talbu li jsir ix-xogħol minn naħa tagħna. Il-Kunsill qabel li ma jsirx il-ħajt u li għandu jitneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**28.9.28** Il-Kunsill irċieva talba mingħand **studenta** sabiex tagħmel 20 siegħa xogħol volontarju fil-Kunsill. Il-Kunsill approva.

**28.9.29** Is-Sindku infurmat li wara l-inċident li sar f' Dawret it-Torri k/m Vjal Oleandri u ġie milqut **arblu** tad-dawl, ġie issuġerit minn TM u Enemalta li l-arblu jitmexxa b'madwar metru. Il-Kunsill approva.

**28.9.30** Is-SE spjegat li ser jsiru emendi fiċ-**Chart of Accounts** u jrid ikun lest sal-aħħar ta' Ġunju 2026. Iċ-Ċirkulari 01/2026 ġa ġiet mibgħuta lill-Kunsilliera.

**28.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**28.10.1 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk Santa Luċija għandux sitwazzjonijiet fejn il-bankini qed jiġu ostakolati wara rapport maħruġ minn Ombudsman. Is-Sindku infurmat li d-dokument inħareġ b'mod partikolari għall-imwejjed u siġġijiet, li Santa Luċija ma għandux minn dan (Annex 10).

**28.11 Mozzjonijiet: 01-2026 – Installazzjoni ta' CCTV Cameras (Proponent Dr Liam Sciberras)**

Il-Kunsillier Sciberras qara l-mozzjoni tiegħu u ta' l-ideat tiegħu. Il-Kunsillier Sciberras irrimarka li neighbour hood watch hija importanti.

Is-Sindku talbet li ssir emenda li:

- CCTV Cameras jsiru madwar Santa Luċija kollha u mhux żona waħda biss
- jiġi miżjud: Ksur ta' Liġi; f'punt nru 3 'Konformità Legali u Privatezza' wara l-kelma reati tiżdied.

Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li l-Kunsill ma jaffordjax il-ħlas tal-internet fix-xahar għall-cameras li ser jiġu mwaħħla u suġġeriet li r-residenti joffru l-internet tagħhom.

Il-Kunsilliera Debattista ikkjarifikat li cameras biss mhux ser isolvu l-problemi, u r-residenti jridu jirrapportaw dirett lill-pulizija u mhux lill-Kunsill f'każ ta' rapport.

Il-Kunsilliera preżenti approva din il-mozzjoni flimkien mal-emendi tas-Sindku.

**28.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.42pm u s-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 22 ta' April 2026 fil-5.15pm.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 22 ta' April 2026.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ____________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John<br>Sindku | Bernice Darmanin<br>Segretarju Eżekuttiv |